MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2007

Citazzjoni Numru. 168/2005

**Borg and Aquilina Limited (C 496)**

**vs**

**Gesmond sive Jesmond Sant (I.D. No. 17766(M)) u martu Rita Sant (I.D. No. 151865(M))**

Il-Qorti:

Rat ic-citazzjoni ppresentata mis-socjeta attrici fis-16 ta' Frar, 2005, li *in forza* taghha, wara li ppremettiet :

Illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici Borg And Aquilina Limited (C 496) fis-somma ta' sitt elef, mija u wiehed u tletin lira Maltin (Lm 6,131.00) dovuta bhala prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata lilhom mis-socjeta' attrici fil-fond "Save 'n Smile" u dana fuq

struzzjonijiet tal-konvenuti, kif jidher mid-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok. "A";

Illi ghalkemm mitluba biex ihallsu diversi drabi, il-konvenuti baqghu inadempjenti;

Illi l-kreditu tas-socjeta' attrici fis-somma ta' Lm 6,131.00, dovuti kif hawn fuq spjegat, hu cert, likwidu u esegibbli u sa fejn taf is-socjeta' attrici, il-konvenuti ma ghandhom l-ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghha ghall-hlas ta' dik is-somma kif jidher mill-Affidavit ta' Joseph Abela, hawn anness u mmarrkat bhala Dok. "B";

Talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1 Taghti s-sentenza u tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici Borg And Aquilina Limited bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167-170 tal-Kodici Civili ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) u
2 hekk tikkundanna minnufih lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm 6,131.00 fuq imsemmija dovuta kif intqal fuq;

Bl-imghax legali, u bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Mandat ta' Sekwestru u tal-Mandat ta' Qbid pprezentati kontestwalment ma' din il-kawza, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat id-digriet taghha tal-14 ta' Marzu, 2005 li bih ordnat li l-kawza tigi trattata u deciza fil-kors normali taghha;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Rita Sant li *in forza* taghha hija eccepiet :

1 Illi l-eccipjenti ma ghandhiex u qatt ma kellha ebda rapport guridiku mas-socjeta' attrici u ghandha ghalhekk tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.

2 Illi sussudjarjament u f'kaz ta' ezitu negattiv tal-ewwel eccezzjoni l-esponent tirriserva d-dritt illi tikkontrolla l-ezistenza u l-kwantum tal-pretenzjoni attrici mill-provi eventwalment rakkolti minn din il-kawza.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenuta Rita Sant;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Jesmond Sant li *in forza* taghha huwa eccepixxa :

1 IIIi preliminarjament il-konvenut Jesmond Sant ghaddej prezentement, proceduri ta' separazzjoni personali mill-mara tieghu Rita Sant Ii jinsabu quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni Familja).
2 IIIi f'dawn iI.proceduri hemm kontestazzjoni da parti tal-konvenuta Rita Sant Ii fost ohrajn, l-ammonti mitluba fic.citazzjoni odjerna huma dovuti minnha izda mir-ragel taghha biss.
3 Illi pero' u minghajr pregudizzju, jekk jigi ppruvat Ii dawn l-ammonti huma dovuti, semmaj ghandhom ikunu mhallsa nofs b'nofs bejn il-konvenuti stante Ii bejniethom kien u ghad hemm vigenti il-komunjoni tal.akkwisti.
4 Illi fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz fic-citazzjoni huwa eccessiv stante Ii ghandu jitnaqqas bil-merkanzija Ii giet rikonsenjata Iill-rapprezentanti tad-ditta attrici u ghalhekk l-ammont ghandu jigi ridott.
Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u il-lista tax-xhieda tal-konvenut Jesmond Sant;

Semghet ix-xhieda li gew prodotti, il-provi u id-dokumenti li gew esebiti u rat l-atti kollha ta' dan il-procediment;

Rat in-nota ta' riduzzjoni tas-socjeta' attrici tad-19 ta' Mejju, 2005 li permezz taghha is-socjeta' attrici irreduciet is-sorte bis-somma ta' elf sitt mija tmienja u hamsin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (LM1658.92) stante returns ta' merkanzija fil-mori tal-kawza filwaqt li zammet ferm is-sorte rimanenti ta' erba' telef erba' mija tnejn u

sebghin lira Maltija u tmien centezmu (LM4472.08) u ghall-kap ta' l-ispejjez.

Semghet it-trattazzjoni ta' l-Avukati difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti mis-socjeta' attrici illi effettivament l-ammont pretiz minnhom huwa dovut.

Irrizulta mill-provi illi l-konvenuti t-tnejn kienu jiggestixxu s-supermarket maghruf bl-isem Save 'n Smile. Irrizulta wkoll illi sussegwentement inqala xi disgwid bejn il-konvenuti tant illi illum il-gurnata huma jinsabu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni; liema separazzjoni pero' ghadha ma gietx finalizzata.

Ikkunsidrat :

Illi l-konvenuta qed tippretendi illi peress illi fiz-zmien illi xtrat il-merkanzija in kwistjoni hija kellha tizgwid ma zewgha u ma kienitx tkun fis-supermarket, hija ghalhekk ma ghandhiex thallas ta' din il-merkanzija, izda ghandu biss ihallas ghaliha zewgha il-konvenut Gesmond Sant. Il-konvenuta fix-xhieda taghha ikkonfermat illi n-negozju kien jigi gestit permezz ta' kont fil-bank li kien f'ísimha u f'ísem zewgha. Hija xehdet illi hija setghet tiffirma c-cekkijiet wahedha u l-istess setgha jaghmel zewgha il-konvenut.

Ikkunsidrat :

Illi kif diga ippronuncjat ruhha il-Qorti is-socjeta' attrici irnexxielha tipprova li l-ammont kif ridott huwa dovut lilha mill-konvenuti.

Ikkunsidrat :

Illi giet esebita sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Inferjuri moghtija fl-10 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet “J & E Griscti Limited vs Jesmond Sant u Rita Sant” illi inzertaw l-istess konvenuti f'din il-kawza.

Illi permezz ta' dik is-sentenza il-Qorti qalet illi "l-presunzjoni legali dettata mill-Artikolu 1316 (1) tal-Kodici Civili huwa illi bejn il-konvenut jezisti r-regim tal-komunjoni ta' l-akkwisti." Il-Qorti qalet ukoll illi "Ghall-fattispeci tal-kaz in ezami illi huwa simili ferm ghal dak odjern huma applikabbli d-disposizzjonijet ta' l-Artikolu 1324 tal-Kap 16."

Illi f'din il-kawza bhal fil-kawza li sar accenn ghaliha minn imkien ma jirrizulta mill-atti illi d-debitu ikkontrattat mill-konvenut Gesmond Sant kien mahsub u intiz biex dan janjenta l-konsistenza ta' l-assi bejnu u martu."

Illi f'dan il-kaz ukoll il-konvenuta ma ghamlet l-ebda att sabiex tinibixxi lil sewgha milli jkompli jezercita n-negozju mis-supermarket minkejja l-fatt illi inbdiet il-kawza tas-separazzjoni personali bejniethom.

Illi wkoll f'dan il-kaz il-kreditu li tieghu intalab il-hlas mis-socjeta' attrici jikkonsisti f'bejgh ta' prodotti mis-supermarket wara Lulju 2003.

Illi huwa car daqs il-kristal illi una volta illi l-konvenuti huma mizzewga u l-koppja tinsab f'regim ta' komunjoni, minn dan ifisser illi d-drittijiet tar-ragel u tal-mara mizzewga ghall-komunjoni jibdew minn dakinhar taz-zwieg u jispiccaw meta jinhall iz-zwieg (Artikolu 1319 Kodici Civili);

Illi una volta li z-zwieg ghadu ma inhallx l-Artikolu 1322 (2) (g) tal-Kodici Civili jgihd hekk "l-akkwist ta' proprjeta mobbli li l-prezz tieghu ma jithallasx mal-konsenja jew qabel huwa att ta' amministrazzjoni straordinarja, u ghalhekk dan l-att imiss liz-zewg mizzewgin flimkien. Dan jibqa l-kaz sa kemm dak l-att ma jkunx ukoll wiehed li jitqies ri-entranti fl-atti normali ta' gestjoni ta' kummerc, negozju jew professjoni ghal liema jirreferi l-Artikolu 1324 tal-Kodici Civili. Issa dan l-Artikolu ma japplikax ghal kull att tal-kummerc kif definit mill-Kodici tal-Kummerc , izda kien japplika biss fil-kaz ta' persuna li tkun qed tezercita kummerc, negozju jew professjoni bhala attiva ekonomika

u li fiha l-kuntrattazzjoni taht ezami setghet tinkwadra ruhha bhala att normali tal-gestjoni taghha.

Illi minn dak li jirrizulta mill-provi jirrizulta minghajr l-ebda ombra ta' dubbju li l-atti imwettqa mill-konvenut Gesmond Sant kienu atti normali tal-gestjoni tieghu tas-supermarketu tal-ko-gestjoni flimkien ma martu tan-negozju minn dan l-istess supermarket u ghalhekk japplika d-dispost ta' l-Artikolu 1324.

Illi ghalhekk jirrizulta wkoll illi l-obblikagazjoni assunta mill-konvenut Gesmond Sant hija ta' karattru negozjali u mhux personali, tiddetermina di fronte ghat-terza socjeta' li maghha kkuntratta is-sodisfaciment ta' interess komuni, f'liema kaz ghandha twiegeb il-komunjoni ta' l-akkwisti.

Illi f'dan il-kaz bhal fil-kaz citat minn imkien ma jirrizulta illi l-konvenut Gesmond Sant kien qieghed jipprova igib fix-xejn il-konsistenza ta' l-assi.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti taqta u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt illi tirrispingi l-eccezzjonijiet tal-konvenut Gesmond sive Jesmond Sant u tirrispingi wkoll l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta Rita Sant tilqa t-talba attrici limitatament ghas-somma ta’ erba' telef erba' mija tnejn u sebghin lira Maltija u tmien centezmu (LM4472.08) u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma dovuta kif inghad; bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba kontra z-zewg konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------